MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Numru 29/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**Vincent Zarb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Vincent Zarb** ta' 43 sena, iben il-mejjet Joseph u Carmela Dolores *nee'* Attard, imwieled Bormla nhar it-23 ta' Lulju, 1963, residenti 50, Triq San Pawl, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 417863M;

Talli fl-10 ta' Jannar, 2007, ghall-habta ta' xi t-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar;

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' ommu Carmela Dolores Zarb minn Bormla f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem u fis-sahha taghha billi hebb ghaliha u ikkagunalha feriti ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. N. Aquilina M.D. mit-Taqsima tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa, liema offizi ikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem taghha, kif ukoll mankament f'wahda mill-idejn taghha.
2. f'dawn l-ahhar sentejn b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, hebb ghall-istess ommu Carmela Dolores Zarb sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jghamlilha hsara;
3. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tippovdi ghas-sigurta' ta' Carmela Dolores Zarb jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Vincent Zarb b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penalita' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 214, 216, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap 9.

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz fejn l-imputat jirrikonoxxi li ghandu problema serja tal-vizzju tal-alkahol, minflok li tikkundannah qed tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation u cioe' taht is-sorverljanza ta' ufficjal tal-

probation ghal perjodu ta’ tlett snin skond l-artikolu 7 tal-Kap 446. L-imputat ghandu ukoll jaghmel kors residenzjali fi hdan l-agenzija SEDQA appena ikun hemm post vakanti fl-istess agenzija u dan kif jistipula l-ufficjal tal-probation li ghandu minnufih jinform ukoll lis-SEDQA bil-problema tal-imputat sabiex nel frattemp jinghata il-kura kollha mehtiega in preparazzjoni tal-kors residenzjali tieghu. Fil-kaz li l-imputat jonqos milli jattendi dan il-kors ghandu jitqies li kiser il-kundizzjoni imposta fuqu minn din il-Qorti.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------